# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA 03/2020

**05 ta' Marzu 2020**

KAMRA TAL-PERITI

*To support members of the profession in achieving excellence in their practice of architecture and engineering in the interest of the community*

## Riforma fl-industrija tal-bini

Il-Prim Ministru Dr Robert Abela l-bieraħ ħabbar it-twaqqif ta' kumitat ta' esperti mqabbda biex jevalwaw ir-regolamenti viġenti dwar il-bini u l-kostruzzjoni, u biex jagħmlu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom dirrettament lilu dwar il-bidliet li huma meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-industrija tal-kostruzzjoni tkun irregolata b'mod aħjar fl-interess tas-sigurta' tal-pubbliku.

Il-proposti tal-Kamra f'dan ir-rigward, li kienu ppublikati f'Mejju 2019 f'dokument intitolat *A Modern Building and Construction Regulation Framework for Malta* wara sentejn ta' riċerka, diġà jippreżenta, fl-ewwel tliet kapitli, analiżi profonda tal-qafas preżenti tar-regolamentazzjoni tal-bini u kostruzzjoni, qafas li hu inadegwat għall-aħħar, inkluż in-nuqqas ta' reġistrazzjoni, licenzjar u taħriġ ta' kuntratturi u ħaddiema.

Dan id-dokument, li ġie mfassal minn kumitat ta' esperti fis-settur maħtura mill-Kamra, jikkonsisti f'evalwazzjoni komprensiva u fil-fond tas-sitwazzjoni preżenti, f'analiżi tal-problemi, u fl-identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet li huma bbażati fuq riċerka dwar sistemi viġenti f'pajjiżi oħrajn. Il-proposti tal-Kamra ġew approvati mill-professjoni b'mod unanimu f'Laqgħa Ġenerali Straordinarja li saret f'Ġunju 2019.

Dan id-dokument ġie ppreżentat lill-*istakeholders* ewlenin, li huma l-Kamra tal-Inġiniera, il-Kamra tal-Kummerċ, il-Kunsill Konsultattiv dwar l-Industrija tal-Bini, il-Bord li Jirregola l-Bini, l-Ufficcju dwar ir-Regolament tal-Bini, l-Aġenzija dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni, l-Awtorità tal-Ippjanar, l-Għaqda Maltija ta' l-iŻviluppaturi, u l- Għaqda Maltija dwar l-Assigurazzjoni. Dawn l-entitajiet u organiżżazzjonijiet kollha qablu mal-proposti tal-Kamra. Hemm kunsens fl-industrija kollha li dawn il-proposti huma kemm neċessarji kif ukoll tajbin.

Il-proposti ġew ippreżentati wkoll lill-Kummissjoni Ewropeja u lill-Oppożizzjoni, kif ukoll lill-Gvern li permezz ta' Letter of Commitment ippublikata f'Awwissu 2019, għaraf il-bżonn ta' riforma ħolistika tal-industrija tal-bini u tal-kostruzzjoni, u ta' l-impenn tiegħu bil-miktub li l-proposti tal-Kamra jiġu implimentati.

Għaldaqstant il-Kamra tal-Periti tistieden lil dan il-kumitat sabiex jgħarbel id-dokument tagħha sabiex ma jintilifx żmien sakemm jidħlu fis-seħħ ir-riformi neċessarji.